L-EWWEL KTIEB MARZU
IS-SITTA U TLETIN SENA 1960

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

KITBA U KITTIEBA F'DAN IL-GĦADD

EDITORJAL — Iċ-Ċentinarju tan-Nawfraġju ... faċċ. 3
JOHN SCIBERRAS — Il-Grillu ... ... ... ... ,, 6
DUN KARM FARRUGIA, D.D., B.L.CAN.
— *Lill-Kamra ta' Tfuliti* ... ... ,, 8
ĠUŻI ABELA — *Tiftakar?* ... ... ... ... ,, 9
Ġ. CASSAR PULLICINO
— Mid-Djarju ta' Mawra f'Ruma ... ,, 10
ĠUŻI ABELA — *Lil Miss* ... ... ... ... ,, 13
ĠUŻE' CHETCUTI — *Dmugħ* ... ... ... ,, 14
ĠUŻI ABELA — *L-Isbaħ Poeżija* ... ... ... ,, 15
PATRI Ġ. MEILAK, S.J. — Mill-Qamħa għall-Ħobża ,, 16
J. BEZZINA — Folklore tar-Randan f'Għawdex ,, 22
VINCENT CARUANA — *Lill-Mużka Melankonika* ,, 26
EDITUR — Kronaka tal-Għaqda ... ... ... ,, 27
PAUL CARUANA — *Imħabba u Egoiżmu* ... ... ,, 28
ĠUŻE' BORG PANTALLERESCO — *Il-Milied it-Tajjeb* ,, 29
Reċensjonijiet ... ... ... ... ,, 30

DIRETTUR: Prof. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.A.,
20, Sur Santa Barbara, Valletta.
ASSISTENT DIRETTUR: A. Cremona,
53, Triq Wara S. Ubaldeska, Paula.

---

Ħlas 4s. fis-sena. Ktieb wieħed 1s.
Il-ħlas tar-Rivista jinbagħat lil:
Victor Apap, 22, Triq it-Torri,
Tas-Sliema

# IL-MALTI

# QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

IS-SITTA U TLETIN SENA

1960

---

**STAMPERIJA TAD-DAR TA' SAN GUZEPP,**
**HAMRUN**

IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

MARZU 1960

# IC-CENTINARJU TAN-NAWFRAGJU

"Naufragus Paulus facilem triumphis
Te, Crucis, vinxit, Melite, ipse vinctus,
Tradit et Romae dominae bis orbis,
*Actio Drammatica de S. Pauli In Ins. Melitam Adventu* Ab Jos. Schembri, Sacerdos.

*L-1960 tibqa' tissemma fl-istorja ta' Malta bħala s-sena Pawlina għax fiha jagħlaq id-dsatax-il ċentinarju tal-miġja ta' San Pawl fil-Gżira tagħna u f'din is-sena l-poplu ta' Malta bi ħsiebu juri lid-dinja l-qima, l-imħabba u l-qibda li jħoss lejn il-Missier li fdieh bil-magħmudija.*

*Din il-Gżira tagħna fil-milja taż-żmien għaddiet minn bosta taqlib u rat ħafna ġrajjiet, taqlib u ġrajjiet li qanqlu lid-dinja u li taw sura ġdida lill-ħajja, imma l-ebda ġrajja ma kellha effett hekk kbir u tal-għaġeb daqs il-għarqa ta' mirkeb li tkisser fuq il-blat ta' Malta f'waħda mit-tempesti ħorox li jaf jagħmel l-ajru ta' din il-gżira.*

*Donnu kien mn'Alla li din il-ġrajja titnissel mill-ħruxija ta' l-elementi biex aktar ikollha qawwa li tidħol sal-qalba ta' Malta u tissammar fis-sħiħ hemm għal dejjem. Tant huwa hekk li matul dawn l-elf u disa' mitt sena li għaddew, it-tifkira ta' dak in-nawfraġju baqgħet dejjem ħajja fil-qalb u fil-moħħ ta' eluf ta' ġenerazzjonijiet ta' Maltin u kienet għalihom dawl u mera ta' kull ma huwa sewwa u tajjeb fi ħsiebhom, f'għamilhom, f'xewqathom.*

*Meta wieħed jogħod jaħseb u jġib quddiem għajnejh il-konsegwenzi ta' dak in-nawfraġju, ma jistax ma jħossx li kien id-drieġħ t'Alla li xeħet fuq Gżiritna lil San Pawl u 'l sħabu, u*

*l-miġja tiegħu f'din l-art tagħna mhux biss swiet biex tgħarrafna min huwa Alla tas-sewwa, imma għamlitna wkoll ulied il-Knisja tiegħu u fuq kollox nisslet f'missirijietna u fil-ġebbieda tagħhom, fidi qawwija, fidi ħajja u tal-għaġeb li baqgħet tintiret mix-xjuħ għaż-żgħar u baqgħet ixxettel u tisseddaq mal-mixja tas-sekoli.*

*Din il-fidi li ġibilna San Pawl kienet u għadha u tibqa' l-qofol tal-ħajja Maltija; hija tfassal id-drawwiet, ix-xejriet u l-ġibdiet tan-nisel tagħna, hija, biex ingħid hekk, ir-ruħ tal-ġens Malti. Imma l-għaġeb ta' dejjem hu kif dik il-ħrara li San Pawl qajjem għall-fidi ta' Kristu baqgħet issaltan hawn matul il-mijiet ta' snin li għaddew minn meta huwa refa' idu, għolla leħnu u ippriedka l-verità Nisranija. Matul dawn is-snin kollha Malta laqgħet nies kbar, semgħet dottrini ta' għerf, ġarrbet saltniet ta' qawwa u għarfet idejiet ġodda, imma dawn kollha ntfew u ntemmu, għaddew u ħallew tifkira tagħhom fl-istorja. Il-kelma ta' San Pawl biss damet tidwi sħiħa u qawwija u l-personalità tiegħu baqgħet tħaddan il-ħidma kollha ta' niesna u ssaltan fuq ħajjithom.*

*San Pawl u Malta ntrabtu hekk flimkien li ma jistgħux jingħażlu minn xulxin u ma tistax taħseb f'waħda bla ma tiftakar fl-ieħor. Fil-kobor ta' Gżiritna tidher il-figura ta' San Pawl u fost il-glorji ta' dan il-Qaddis tingħadd ewlenija l-Gżira tagħna.*

*Haġa ta' min isemmiha huwa l-fatt li San Pawl ma jiddominax biss fil-ħajja spiritwali ta' Malta, iżda Hu jifhem u jnebbaħ kull xejra fil-ħajja ta' kuljum, ħajja ordinarja, kulturali, artistika, soċjali u uffiċjali. Wieħed mill-patrimonji ewlenin ta' pajjiżna huwa l-ġabra ta' opri letterarji, pittura u skultura ispirati minn San Pawl jew mill-miġja tiegħu fostna. Hekk ukoll is-sisien tar-Reliġjon li għallimna Hu jixxenxlu fit-tagħlim, fil-liġi u fil-Gvern ta' Malta u jagħtu għajxien u ħajja lil dawn it-tliet kolonni ta' l-istat f'Malta.*

*Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti tissieħeb mal-għaqdiet u mas-setgħat kollha ta' Malta biex tagħti ġieħ lil San Pawl f'din is-sena tiegħu, iżda hija tħoss li aktar mill-oħrajn għandha motiv li tweġġħu u tqimu għax ismu u għamilu minn dejjem saħħru*

*u ħeġġew l-aqwa kittieba ta' Malta u kienu dejjem għajn ta' ispirazzjoni għall-opri letterarji.*

*Mitt sena ilu, fl-1860, C. Frendo Cumbo ħareġ "Il-Miġja ta' San Pawl f'Malta", biċċa xogħol għall-palk f'ħames atti. Hija waħda mill-ftit opri drammatiċi ta' stil klassiku miktuba f'versi, li għandna fil-letteratura tagħna. Din is-silta li ġejja, meħuda minn dik l-opra, tqiegħed f'fomm San Pawl sentiment li kien jinħass minn dawk li xtaqu l-ġid lil Malta f'dak iż-żmien u li għadu sħiħ il-lum:*

PAWLU: O nies ta' din il-gżira
Tkunu mberkin ilkoll...
...............................
...............................
Inħabbu lkoll bħal aħwa
La tagħtux lok lill-għira,
U intom taraw sewwa
Li l-art tibqa' tagħtikom,
U s-sema dejjem iħenn għalikom".

*"Il-Miġja ta' San Pawl f'Malta"*
Ħames Taqsima — Raba' Turija.

## INFAKKRU

**Infakkru li wasal il-ħlas ta' l-abbonament f'IL-MALTI għas-sena 1960. Nitolbu bi ħrara lill-Imseħbin f'IL-MALTI u lill-Membri tal-Għaqda li baqgħu lura fil-ħasijiet tas-sena jew snin ta' qabel biex ifittxu jirregolaw ruħhom mat-Teżorier u jwieġbu għall-Memorandum li lilhom inbagħat dwar l-arretrati li għad-hom ma ħallsux.**

# IL-GRILLU

*Ta'* JOHN SCIBERRAS

DAL-LEJL, għall-ħabta tan-nofs siegħa, stenbaħt. Mhux soltu tiegħi li nqum dak il-ħin. Qajjimni grillu li beda jsaffar waħda f'waħda.

Billi l-kamra tiegħi qiegħda fuq in-naħa ta' barra ħsibt li kien xi grillu li tar għal għandna mingħand tal-pitkali ta' qribna. Il-leħen tiegħu kien fil-qrib wisq u qawwi ferm.

Għall-ewwel ma tajtx kasu. Tqallibt għan-naħa l-oħra u ttamajt li nerġa' norqod malajr. Imma mbagħad il-ħin beda għaddej u bqajt ma stajtx nagħlaq għajn ma' għajn.

Wara tliet kwarti bdiet tonqosni l-paċenzja. Imma xi stajt nagħmel f'dak il-ħin? Il-grillu qisu li *Scarlet Pimpernel*: tfittxu kemm tfittxu ma ssibu qatt. Terġa', id-dar tagħna hija żgħira u ma kellix il-kumdità li nbiddel kamarti ma' oħra iktar 'il ġewwa mnejn ma kontx nista' nisma' t-tisfir bla hedu tal-grillu. Kelli nistabar mill-aħjar li nista'.

Il-ħin baqa' għaddej u n-ngħas iktar beda jtir. Saru s-sagħtejn nieqes kwart. Kont qiegħed nitlef irqad prezzjuż u l-għada filgħodu xorta waħda kien se jkolli nqum għax-xogħol. Ippruvajt nibqa' kalm fis-sodda u nagħmel ta' bil-ruħi li dalwaqt kont se norqod. Imma kif stajt nibqa' kwiet meta dak it-tisfir kien hekk qawwi li għajjieni u taqqabli moħħi?!

Imbagħad ippruvajt naljena ruħi billi noqgħod naħseb fl-aħbarijiet li kont smajt jew qrajt fil-gazzetta matul il-jum: kif Kruschev wieġeb lil Eisenhower u ma qal xejn ġdid; kif il-laqgħat ta' l-U.N.O. dejjem sejrin u b'danakollu l-poplu ż-żgħar dejjem mirfusin taħt is-saqajn, u kif l-Ingilterra—minn Imperu li x-xemx qatt ma kienet tinżel minn fuqu—dalwaqt issib ruħha weħidha għax kulħadd irid ikun indipendenti, skond is-saħna tal-ġurnata. Kien kollu għal xejn għax b'daqshekk ma stajtx nitfi l-leħen tal-grillu li kien għadu jgħanni bħall-ewwel mument li smajtu.

Hawnhekk bdejt nistaqsi lili nnifsi bosta mistoqsijiet. Ridt naf x'kien l-isem tal-grillu bl-Ingliż, u sibt li ma nafx. U daħluli l-kurżità u d-dubju dwar jekk Pinokkju kienx qatel grillu jew werżieq u kemm kont inkun ferħan dak il-ħin kieku stajt nieħu tweġiba li kien qatel il-grillu. U, wara kollox, x'kienet id-differenza bejn grillu u werżieq? U kien hemm ukoll iż-żarżur.

Dawn tliet ħlejjaq differenti? jew tnejn biss? jew wieħed biss? X'kull waħda wkoll! Mank li għallmuhomli meta kont żgħir għax kieku kont inkun naf.

Saru t-tlieta. Il-grillu ma kien qed jagħti l-ebda sinjal ta' għeja u jien bqajt b'għajnejja miftuħin beraħ mingħajr tama ta' ngħas. Dawn bċejjeċ ukoll! Ħari jiġrili hekk. U kemm niddejjaq meta nqum f'nofs ta' lejl!

Komplejt naljena moħħi bi ħsebijiet oħra. U ħsibt kif f'Malta ma għandniex sistema ta' edukazzjoni suret in-nies; kif fi klassi tajba ma jonqsux dawk in-nofs tużżana li qatt ma jkollhom aptit jagħmlu xi ħaġa. U kemm ħadt pjaċir ngħaqqad il-katina ta' kif it-*Teacher* jibża' mill-*Head Teacher*, l-*Head Teacher* mill-*Inspector*, l-*Inspector* mid-Direttur, id-Direttur mill-Ministru, il-Ministru mill-ġenituri, il-ġenituri mit-tfal, u t-tfal minn ħadd. Qgħadt ngħodd in-numru ta' *teachers* nisa li jilbsu kif ġie ġie fil-ġranet tas-sħana. U għamilt bħal dibattiment miegħi nnifsi dwar jekk hux sewwa li xi wħud jilħqu *Inspectors* għax ikunu l-ixjeħ fost is-Surmastrijiet, jonkella jkunx aħjar kieku kellhom jingħażlu b'eżami, li jkun veru eżami. U wasalt biex qtajt li l-eżami hu ferm aħjar għaliex fih il-ħeġġa tal-kompetizzjoni; għalkemm ma stajtx naħrab minn xi dubbji oħra dwar kif isir l-eżami u r-riżultat tagħhom.

U l-ħin dejjem għaddej. L-arloġġ li jixgħel fuq il-komodina ta' ma' ġenbi kien qed juri l-erbgħa. Sagħtejn oħra jkolli nqum bħas-soltu.

Imbagħad, bla ma kont naf kif, irqadt; għax f'daqqa waħda smajt lil min isejjaħli biex infittex inqum għaliex kienu diġà saru s-sitta u kwart. L-iżveljarin, ħdejn rasi, kien daqq bla ma smajtu.

Ħriġt mis-sodda malajr u ħsilt wiċċi bl-ilma kiesaħ ħalli nneħħi dik it-telqa u dak in-ngħas li kienu għadhom imwaħħlin miegħi bħal qarnita. Ħarist lejn il-mera u għajnejja kienu kollha ċrieki minħabba n-nuqqas ta' rqad.

Qgħadt bil-qiegħda biex nieħu t-te' u l-kolazzjon ta' filgħodu. Ma ridt nitkellem xejn fuq il-lejl bla rqad li kont għadni kemm għaddejt minnu biex ma joqogħdux jaħsbu fija meta nkun għax-xogħol. Din il-fehma żammejtha sħiħa wkoll meta oħti qaltli bi tbissima: "X'xeħta ta' wieħed bin-ngħas għandek!" Iżda ma rnexxilix inżommha meta, malli qomt minn fuq is-siġġu, qabeż il-papà u qalli: "Bil-ħaqq, Gerald, ixħet dil-biċċa tadama fil-gaġġa tal-grillu!"

# LILL-KAMRA TA' TFULITI

*Ta'* DUN KARM FARRUGIA

Oh! sa fl-aħħar erġajt rajtek,
Kamra ħelwa u kennija!
Erġajt rajtek biex tfakkarni
Fiż-żmien ħelu tat-trobbija.

Għalkemm ilu ħamsin sena
Mindu l-aħħar jiena rajtek,
Kamra ħelwa, naħlifulek,
B'ħarsa waħda jien għaraftek.

Hekk kif dħalt mill-bieb 'il ġewwa,
B'qalbi tħabbat mija mija,
Ma nafx ngħid kontx għadni mqajjem
Jew il-ħolm kien għamel bija.

Rajt bħal tifel ċkejken, ċkejken,
Ta' sentejn jew kemm xejn fuqhom,
Tigra u żebra tal-kamoxxa
Minn tarf denbhom qed isuqhom.

Rajtu wkoll jilgħab bi ħmara
Mill-oħrajn iktar għaqlija,
Biex titħabbeb mas-sid tagħha,
Tnizżel rasha u tgħolliha.

Xi żmien kien li tista' tilgħab
Minn fil-għodu sa fl-għaxija,
Bla ma tqis jekk ftit jew ħafna
Minn ta' ħajtek fadal bqija.

Rajt ukoll bħal bambin ċkejken
Bil-qmis twila twila twila,
Qed jitwieżen mat-testiera
Biex minn hemm jagħti titwila

B'ħarsa rqiqa u ferreħija,
Lejn il-kaxxa tal-perlini
Li l-papà kien poġġa fl-għoli,
Biex jaħbiha mis-snien fini.

Iżda xejn ma ferraħ qalbi
Daqs ix-xena li rajt issa:
Rajt iċ-ċkejken fuq is-sodda
Fil-papà għajnejh jiffissa.

U l-papà, b'imħabba serja,
Idu jżommlu u jmexxiha:
Helu jħożżlu fuq nofs ġbinu
Tlitt islaleb ċkejkunija.

Waqt li t-tnejn, bi ħlewwa kbira,
Flimkien igħidu għalenija:
O Ġesù, ħabib ta' qalbi,
Isma' talbi, ħenn għalija.

Din it-talba, jien naħilfu,
Hajti kollha qatt ma nsejtha:
Qatt ma naf li lejla waħda
F'sittin sena jien ħallejtha.

Ta' kull jum, qabel ma norqod,
Jiena ngħidha għar-rkobbtejja,
U l-papà, li ilu mejjet,
Donni nħossu jiġi ħdejja.

Oh! ja kamra ħelwa tiegħi,
Minnek ħriġt b'qalbi maqsuma;
Tifkiritek biss fil-qabar
Flimkien miegħi tkun mirduma.

## TIFTAKAR?

*Ta'* ĠUŻI ABELA

Tiftakar meta qtajtlek
  żarġun ta' sardinella?
    Kien ħa? U kiber xejn?

U għadek tiftakarha
  id-demgħa, il-wegħda? Kibret
    l-imħabba tagħna t-tnejn?

# MID-DJARJU TA' MAWRA F'RUMA

*Ta'* Ġ. Cassar Pullicino

**18 ta' Diċembru, 1949.**

Wasalt Ruma dalgħodu fit-8.30. Wasalt imfarrak wara dsatax-il siegħa ferrovija minn Sirakuża, mnejn tlaqna l-bieraħ fis-1.15 p.m. Wasalt imfarrak u bin-nervi. Għax il-ferrovija ma tantx jien ħab'b tagħha; iżjed u iżjed bil-lejl! Għalija tini l-ajruplan, u nasal f'kemm trodd salib. Bħal meta sefirt bih sentejn ilu minn Malta sa Ruma, u lura. L-istess bogħod, sa Ruma! Imma x'divrenzja! Bil-kemm ilħaqt rajt l-*Illustrated London News* li sibt quddiemi li ma sibtx ruħi nħares 'l isfel fuq il-koppli tal-knejjes tal-Belt Eterna! U did-darba l-ħin bħal weħel u ma stajt ngħaddiha b'xejn. Għall-ewwel mhux ħażin: qrajt gazzetta, ħadt pjaċir nittawwal mill-purtell tal-vagun, paċpaċt ftit ma' ta' ma' ġenbi, spiċċajt iċ-*ċestino da viaggio* li kont xtrajt qabel tlaqna, kif ukoll dawk in-nofs tużżana qassatat li tawni miegħi tad-dar, qrajt biċċa rumanz ... Imma meta beda jidlam kont diġà xbajt fil-ferrovija, u kien għad fadalli tnax-il siegħa oħra! X'tagħmel? Qomt bil-wieqfa u qgħadt fil-passaġġ, kebbist sigarett — għad li jien ma npejjipx, mort ma' ħabib nieħu xi ħaġa fir-*restaurant*, lablabt u tkellimt kemm flaħt biex ngħaddi ż-żmien. Imma kollu ta' xejn U meta ippruvajt norqod ma stajtx! Kwarta, nofs siegħa, siegħa wara l-oħra għaddejjin bil-mod, bil-mod — u m'hemmx li jisbaħ; mank tgħid tista' tittawwal, għax għadu d-dlam. U mbagħad dak it-taħbit tar-roti fuq il-ġonot tal-linji daħalli f'moħħi qisu berrina. Iġri jisbaħ, ħej, għax għajjien mejjet, u ma ħadt gost xejn! Mhux bħal-lejl ta' qabel!

Il-lejl l-ieħor konna tlaqna mill-Port ta' Malta f'xi l-10.30 Ix-Xatt, f'ħajjet Alla, ma kienx hemm wisq jarawni tielaq. Ma tantx jien tajjeb għat-tpetpit tal-għajnejn, u għalhekk 'il niesi u 'l ħbiebi tal-qalb kont rajthom qabel. Għaliex — ingħid jiena — għalfejn dan il-għaġeb kollu! Das-sentejn li kont sa ndum barra! Sentejn x'inhuma... Igħaddu bħal ħolma u ma ndumx ma nerġa' lejn Malta! Ħadt nifs kbir meta sibt ruħi ab-

bord, bil-lejl, inħares lejn id-dawl tal-Port u narahom jitbiegħdu, dejjem jiċkienu, jiċkienu... Bqajt hemmhekk waħdi, ħarsti msammra fuq it-tikek tad-dawl, waqt li madwarna beda jonfoħ ir-riħ u jingħi mal-ħbula, u l-baħar bħal tqalla' u tqawwa ,u fl-ajru beda jberraq u nstema' r-ragħad ikarwat, u bdiet nieżla xita tfaqqa' boqoq boqoq. Il-ħoss tal-qatriet tax-xita jaħbtu ma' wiċċ il-baħar imqalla' laqatni, u żammni hemm għal iktar minn siegħa qabel ma dħalt ġewwa. Għal min ħajtu jqattagħha fuq l-art, u ma jbaħħarx, bħali, id-dehra ta' tempesta fuq il-baħar hija ħaġa li jaqraha biss fir-rumanzi, jew inkella jara bħalha fil-*films*.

Illum, jumejn wara, ninsab Ruma. U għalkemm m'ilux wisq, għoddni nsejt ħafna xorti li ridt inniżżel. Ma rridx ninsa, fost oħrajn, il dak il-Malti li kelli miegħi fil-kabina, miż-Żejtun, sejjer l-Italja għan-negozju. Għaddejnieha tajjeb dik il-lejla tat-tempesta : ngħas ma kellniex u morna fil-*bar* tal-vapur, u daqqa sigaretti u oħra grokk u bejn ċajta u tpaċpiċ ieħor, ma ddejjaqniex b'xulxin. Filgħodu, meta nżilna Sirakuża, konna ltqajna' ma' tlieta oħra, ħbieb ta' l-iskola, u wieħed minnhom li kien jafu tajjeb il-post, ħajjarna mmorru nieħdu xi ħaġa għax kellna n-nofs ta' nhar ta' filgħodu kollu quddiemna qabel jitlaq it-tren għal Ruma. U morna ħadna kolazzjon tajjeb fil-ħanut ta' Signor Bandiera, wara ġrejna ġirja mal-belt, u għal nofs in-nhar irġajna morna għall-ikel fl-istess post. Niftakar, kif konna nieklu, jidħol wieħed xiħ bil-kitarra u beda jsemma' għanja bl-Isqalli li kelma ma tifhimx minnha, għanja bla sengħa, imma ħierġa mill-qalb. U qabel ħriġna tajnieh xi ħaġa u hu xtaqilna l-vjaġġ it-tajjeb.

Dal-għodu sebaħ bnazzi u ħarġet ġurnata sabiħa. Sema safi u xemx sħuna tħajrek toħroġ barra. Anqas tgħid li ftit ġranet oħra l-Milied. Hekk għidna jiena u l-ħabib tiegħi Dun Karm Sant meta ltqajna quddiem il-Knisja tal-Kanċellerija biex noħorġu dawra flimkien. Dun Karm, ħabib tal-qalb, ilna nafu 'l xulxin ħafna, ta' mpar wieħed u tista' tgħid trabbejna flimkien. Tgħidx kemm ħriġna passiġġati flimkien meta konna nistudjaw il-Liċeo u dejjem bqajna' ħbieb. Jinsab Ruma għax wara li qaddes ried jibqa' jistudja fuq il-Bibbja. Mela llum iltqajna bħalma dari, fi tfulitna, u ħriġna nimxu. Biss minnflok ma għaddejna minn fejn l-Erwieħ għas-Sqaq ta' Sardinja sa fejn il-Wied tal-

Blat, fejn aktarx konna nispiċċaw meta konna noqogħdu Hal Tarxien, illum spiċċajna Pjazza Barberini. U qabel tlaqna lil xulxin għall-ikel ftehemna li wara nofs in-nhar nerġgħu niltaqgħu u mmorru għand Ettore Rossi.

Ettore Rossi kien Professur tat-Tork fl-Università ta' Ruma. Malta hemm min jafu sewwa għax daqs għoxrin sena ilu kien rebaħ *borsa di studio* u dam żmien ifittex fl-Arkivju tal-Ordni fil-Bibljoteka — tiftix li wasslu biex kiteb ħafna studji interessanti fuq Malta, fosthom l-istorja tal-flotta tal-Ordni. Żmien ilu wkoll kien kiteb fil-*Malta Letterarja* x'qalu l-kittieba Torok fuq l-Assedju l-Kbir. Billi barra t-Tork kien jaf tajjeb l-Għarbi, kien interessa ruħu fil-Malti u fil-għanja Maltija tal-Għarusa tal-Mosta. Jiena kont sirt nafu bil-kitba b'mezz tal-ħabib tiegħi u tiegħu — is-Sur Nin Cremona — u Dun Karm Sant kien iltaqa' miegħu kemm dam Ruma. Morna għandu u laqagħna: raġel fabbli, qsajjar, bin-nuċċali, qorob is-sittin. Feraħ bina u tħadditna ħafna fuq Malta u fuq il-lsien Malti. Semmielna r-rivista Spanjola *Al-Andalus*, mixħuta l-iktar fuq l-istudju tal-Għarbi, u qal li llum imissu jkun hawn studju iktar tal-Għarbi għax issa Islam reġa' ġie f'tiegħu, bl-Eġittu indipendenti, is-Sirja u l-Lebanon meħlusa; il-Libja ftit snin oħra tieħu l-indipendenza, u l-Marokk, it-Tuniżija u l-Alġerija jitkellmu kulħadd. U Malta finnofs. Studju meħtieġ, qalilna, x'ilsien kienu jitkellmu Malta qabel ġew l-Għarab: s'issa hawn tliet teoriji — li l-Maltin kienu jitkellmu l-Grieg, li kienu jitħaddu l-*Basso Latino* u li kienu jitħaddtu lsien semitiku ieħor li mbagħad inxtorob mill-Għarbi. Das-suġġett, żied igħidilna, imissu jkun teżi ta' studju għal xi studjuż Malti.

Qalilna, fost ħwejjeġ oħra, li dwar id-dokument tar-rapport ta' l-Abbati Giliberto fuq Malta fl-1240 hemm kwistjoni jekk Wilkelman, li ippubblikah l-ewwel wieħed, kienx qrah sewwa fejn igħid fuq Malta. Dan id-dokument kien miġjub mill-Mons. A. Mifsud fir-ririvista *La Diocesi* u, wara żmien, mir-Rev. A. Dessoulavy fil-*Journal of the University of Malta Literary Society*, bla ma kien jaf li diġà deher hawn Malta.

Qabel tlaqna, Ettore Rossi qalilna li issa ilu s-snin ma jikteb fuq Malta, għax imħabbat b'xogħol ieħor. Imma jixtieq jara studji serji, li jistgħu jsiru minn Maltin aħjar milli minn

barranin, fuq it-toponomastika, jiġifieri l-ismijiet f'Malta u Għawdex, kif ukoll fuq l-ewwel Dutrina bil-Malti li dehret f'Ruma fl-1752 u fuq l-Iskola tal-Għarbi f'Malta, li għad hawn min jiftakarha daqs ħamsin sena ilu, qabel ma dawru l-flus imħollija għaliha għal ħaġ'oħra*.

U hekk ħriġna minn għand Rossi b'moħħna jhewden fuq kemm xogħol għad hawn x'isir fil-għalqa tal-istudji Maltin, u kif barranin jieħdu dan l-interess kollu u aħna qajla nagħtu kas ta' dawn l-affarijiet.

## LIL MISS...

*Ta'* ĠUŻI ABELA

Morru.
Għidulha bdilt fehmti
Għidulha ksirt kelmti.
U raġel minix.
Morru.
Għidulha tinsini.
Għidulha tħallini
U tgħid ma tafnix.
Morru.
Għidulha "miskina"!
Għidulha "ħanina"!
Farrġuha b'dal-vers.
Morru.
Għidulha ttradejtha.
Għidulha li nsejtha.
Lil Miss Univers.

* Minn dak iż-żmien imsemmi hawnhekk mill-kittieb fuq iż-żjara tiegħu lil Dr. E .Rosso f'Ruma, deher studju storiku dettaljat ta' A. Cremona fuq l-Iskola tal-Għarbi f'Malta fir-Rivista *Melita Historica* (Vol. I, Nri. 2, 3 u 4) taħt l-isem "L'Antica Fondazione della Scuola di Lingua Araba in Malta".

## DMUGH

*Ta'* Ġużè' Chetcuti

Dmugħ,
bħal nida safja
li tfawwar mill-qalb,
int ir-ruħ ittaffi
mit-toqol ta' l-imrar.
Ħabib tal-bniedem
mill-ewwel nifs tal-ħajja
sar-raqda tal-mistrieħ
fil-ksieħ ta' qabar,
int lill-bniedem turih
li dak li hu tad-dinja
mhuwiex ħlief frugħa w qerq.
Il-passjoni u l-pjaċiri,
l-imħabba wit-tgawdija,
il-ferħ u l-illużjoni,
kollha jisfaw fix-xejn.
kollha jintemmu
fl-ilma safi tal-faraġ u tad-dmugħ.

Dmugħ,
magħsur minn qalb imweġġgħa,
fik tiġbor l-aqwa poeżija
li ma toħroġx
mill-pinna ta' l-akbar poeta,
il-poeżija safja
tan-niket u l-uġigħ.
U dik il-poeżija
fiha seħer li jiġbidna:
mill-moħħ marid u tqil
twarrab il-ħsibijiet
li jgħakksu 'l ruħna bl-għira u l-mibegħda
l-istess bħad-dawl ħanin tal-qamar
li jnaddaf mis-sħab u ċ-ċpar
il-wiċċ tas-sema.
Dmugħ,
int kont il-ħabib tiegħi
fil-ferħ, fil-mard, fit-tama
li ma seħħitx: fuq it-tiġrif ta' qalbi

ħabbatt bħall-mewġ tal-baħar
fl-imgħoddi minsi, u għadek tħabbat
u hekk tibqa' tħabbat
ma' kull jum li jfiġġ.
Jien w int hekk nibqgħu
ħbieb ta' dejjem.

## L-ISBAĦ POEŻIJA

*Ta'* ĠUŻI ABELA

(Issa żmien ma fadalx
biex nikteb poeżija:
ġa saru t-tmienja u nofs,
u ftit minuti oħra rridu ninżlu
għat-talb ta' filgħaxija).

Mulej, taf x'kont qed naħseb,
u taf x'wassalni noqgħod hawn bil-qiegħda
biex nikteb poeżija...
Imm'issa għajnejja
imfawra bid-dmugħ,
u ħsibijieti mriegħda.

Biex nikteb poeżija...
il-għanja li stennejt għal bosta snin,
U l-lum għax waslet
sabitni għalgħarrieda
Din setgħet kienet l-isbaħ poeżija.

Il-għanja li nissilt u qatt ma twieldet.
Ġrali bħal omm żagħżugħa
li nisslet tarbija,
u għax ma stennithiex tilfitha kmieni,
bla ħadd ma tbissem lit-tarbija ċkejkna.
bla ħadd intebaħ għada x'setgħet tkun.

U mietet it-tarbija qabel twieldet,
u ħasset żewġ idejn, xi ħadd qiegħed iżommha:
u għarfet 'l Alla qabel m'għarfet 'l ommha.

# MILL-QAMĦA GĦALL-ĦOBŻA

*Ta'* PATRI Ġ. MEILAK, S.J.

*(Jaqbad man-Nru. ta' Settembru-Diċembru, 1959 faċċ. 77)*

... 8. **IL-ĦOBŻ**

i) **It-Taqsim tal-għaġina fil-ħobż**:— Il-mara ġà ladarba li għaġnet hi, taħseb hi wkoll tagħmlu l-ħobż.

L-ewwel ħaġa li tagħmel hi: tieħu biċċa mill-ħobża (mill-għaġina) għall-ħmira tal-għaġina li għad tarġa' tagħmel meta l-ħobż tad-dar ikun qorob biex jintemm, u tibgħat iġġib *tilar* **minn għand il-furnar**; **it-tilar** troxxu bid-dqiq. Tlesti wkoll miżien.

Tibda taqta' bis-sikkina mill-ħobża biċċa sewwa, u tiżinha sa ġġib xi ratal u nofs; wara li għamlitha ta' dak l-*użin* li riedet toħodha f'idejha mill-keffa tal-miżien, iddawwarha, iddawwarha hi u tgħaddiha minn id għall-oħra sakemm iġġibha donnha dul-liegħa, u tqegħidha fit-tilar.

Wara l-ewwel ħobża tagħmel it-tieni waħda, mbagħad it-tielet, u tibqa' sejra sakemm l-għaġina tkun għoddha ħlietha kollha.

Minn dik li baqgħalha tieħu ftit minnha u *tfettilha*, tagħ-milha fettiel, irqiq, bħal ma hu, ngħidu aħna, iz-zokk tal-għan-qud tal-għeneb. Tqassmu bċejjeċ bis-sikkina, ittiha kull biċċa s-sura ta' 9 jew ta' 8 (tmienja, bir-râs ta' fuq maqtugħa, jiġi-fieri sura ta' ras ta' barri bl-imfietaħ), jew tieħu tnejn imissu ma' xulxin donnu 8 mimdud. Dawn is-suriet huma l-*għeliem*, fuq kull ħobża twaħħal *għelm*, minn dawk li għamlet. Imma għalfejn dan il-logħob? — Mhux logħob! L-għeliem jintagħmlu sabiex il-ħobż ta' din il-mara, meta joħroġ mill-forn, il-furnar jagħżlu mill-ħobż ta' nisa oħra, li jkollu għeliem ta' suriet oħrajn, li ma jaqblux ma' dawk tagħha.

Issa nagħmlu li mill-għaġina jibqagħlha xi biċċa, iżda mhux daqshekk li bih tista' tagħmel ħobża oħra. X'tagħmel b'dik l-għaġina li fadlilha? — Tagħmillek ix-*xawwata*, jew biex nifthemu aħjar: il-*ftira*.

ii) **Il-Ftira**—Biex il-mara tagħmel il-ftira tħallat magħha x-xaħam, jew il-"marġerina"; tieħu l-lenbuba u fuq mejda, maħsula u xxuttata tajjeb, tibda tfattarha, u lenbeb minn hawn u lenbeb minn hinn, tasal biex iġġibha wiċċ kbir ta' qamar. Fuq

l-għaġina, hekk imfattra, tqiegħed bċejjeċ żgħar ta' laħam immellaħ, jew ta' tonn immellaħ, jew ta' tonn taż-żejt, jew taqtigħat tal-laħam tal-fenek bl-istuffat tiegħu, jew siltiet ta' l-inċova mnaddfin mix-xewka tas-sinsla, skond jekk dak in-nhar ikun jiswa laħam jew le. Dawn il-bċejjeċ tirranġahom għamla ta' qawra xi ftit wiesgħa, li la tmiss man-nofs tat-tfattira u lanqas max-xifer tagħha, u tħalli vojt biċċa sewwa minn nofs u aktar minn lejn ix-xifer. Wara dan ix-xogħol lit-tfattira, tibda terfa', fuq il-ponot ta' subgħajha t'idejha t-tnejn, ix-xifer tal-għaġina, u tagħmlu dawra mejt xaqliba, u b'din taħbi dak l-kumpanaġġ ta' laħam jew ta' mluħa li għidna, u xi ftit minn nofs tal-għaġina jibqa' battal u mikxuf.

Din hi x-Xawwata jew l-Ftira.

Meta jitlesta l-ħobż (għadu nej), u jitqiegħed fit-tilar, il-mara tibgħat tavża l-furnar biex iqabbad lil xi lavrant jiġi jieħdu l-forn.

## 9. FIL-FORN

i) **Il-Forn.** — Bil-kelma *Forn* nistgħu nifhmu sewwa dak il-post sewwa sew li fih jitqiegħed l-ħobż nej biex jinħema, u kif ukoll il-lok, id-dar kollha li fiha hemm il-*forn* tal-ħami tal-ħobż, kif semmejt issa.

X'inhu l-forn tal-ħami? — Hu bħal għar, wiesa' u fond, bis-saqaf tiegħu ma tantx għoli, il-qiegħ tiegħu hu mwitti tajjeb bl-invell, iċċangat biċ-ċangaturi tal-franka, jew bil-madum, (imma le, qatt, ibbattmat, għaliex battum, bis-sħana tan-nar, jista' jitfellel); hemm ġewwa fih, fis-saqaf tiegħu jkollu toqba sewwa, biex minnha joħroġ id-duħħan li jibqa' tiela' maċ-ċumnija għal barra, fl-ajru; fl-istess ħin iċ-ċumnija tniżżel fil-forn l-irwieħ, u hekk in-nar jaqbad aktar malajr.

Xi fran ikunu hekk wisgħin li fih, fuq il-qiegħa tiegħu, joqogħdu minn 120 sa 150 ħobża, waħda fejn waħda, imissu ma' xulxin.

Kull forn ikun imfannad mill-ħajt tal-kamra 'l ġewwa, u l-qiegħa tiegħu tkun fil-għoli li tiġi bi dritt is-sider tal-furnar. Il-bokka tiegħu hi għamla ċkejkna ta' bieb ta' rimissa, u tintebaq bi pjanċa tal-ħadid, livatizza.

Għall-ħami tal-ħobż jaħtieġ l-ewwel li l-furnar isaħħan il-forn. Jibda jitfa' ġewwa fih tiben, qasbija, qatet tax-xewk, tal-fixfex, tax-xagħtar, ngħid: "Xagħtar", li hu l-*Hipericum per-*

*foratum*. Linn.; u mhux "Saghtar", li hu t-*Thymus vulgaris*. Linn; qasab, friegħi rqaq tas-siġar, bċejjeċ tal-għewied, eċċ., eċċ. Kollox tajjeb għan-nar! — imma l-itjeb huwa x-xagħtar u z-zkuk tas-siġar taż-żebbuġ għax fihom iż-żejt.

Jagħtihom in-nar.

U biex il-ħuġġieġa tibqa' sejra sewwa sa l-aħħar, hemm hu jaqbad il-ferkun li hu virga iebsa u soda tal-ħadid, twila iżjed milli hu fond il-forn tiegħu, bih jibda jferken (jew iferkex) jiġifieri jqalleb ta' taħt fuq kull ma hemm ġewwa għall-ħruq. Jistenna li kollox sar rmied u m'hemmx ġâmar, jistenna li n-nar ikun intefa għal kollox.

Issa jieħu f'idejh il-ġebbieda. Din hi virga oħra bħal u daqs il-ferkun, imma f'waħda mill-ponot tagħha għandha mwaħħla nofs galletta tal-ħadid ukoll, sewwa sew kif hi mwaħħla l-galletta sħiħa mat-tarf ta' l-arblu tal-bandiera; imma n-nofs galletta hu mwaħħal ma' tarf il-virga bejn nofs ix-xifer tond tagħha. Bil-ġebbieda l-furnar jiġbed 'il barra r-rmied kollu.

X'ħin ilesti biex ngħidu hekk, il-knis tar-rmied, il-furnar igħaddi biex inaddaf sewwa l-qiegħa tal-forn. Imma issa kulħadd jista' jobsor li l-furnar diġà hu mxarrab għasra bil-għaraq. Dik il-foga kollha ħierġa għal fuqu donnha mill-bokka ta' l-infern!

Mela biex inaddfu jhejji barmil ilma fl-art, xi koċċ imbiegħed minn ma' ġenbu, lejn in-naħa tal-lemin, u jaqbad virga oħra li f'tarf il-wieħed ikollha marbut bil-fildiferru dendul ta' ċarruta. Din il-biċċa għodda tissejjaħ... għal-ġieh wiċċna... l-"Imselħa"! Issa mela jgħaddas ġewwa l-ilma ċ-ċarruta, u jdaħħalha fil-forn, u jibda jxejjer il-virga mix-xellug għal-lemin; u mbagħad, ilaħlaħha, u jerġa' jnaddaf il-forn, sakemm ikun naddfu kollu.

Issa dan ix-xogħol kollu tal-ġbir tar-rmied u tal-ħasil isir malajr, malajr, bla telf ta' żmien, biex il-forn jibqagħlu sħun.

ii) **Il-Ħami tal-Ħobż** — Il-furnar jieħu f'idejh il-pala. Din tkun ta' l-injam bil-lasta twila, sabiex hu jkun jista' jwassalha sal-fond tal-forn. Il-lavrant iġiblu fejnu t-tilar bil-ħobż nej, għadu għaġina. Il-furnar iroxx fuq wiċċ il-pâla dik in-niskata dqiq, biex il-għaġina ma teħelx magħha; iqiegħed fuqha l-ewwel ħobża, idaħħal il-pâla mgħobbija sakemm tasal sal-fond, jarġa' jiġbidha lura xi xiber, jagħtiha skossa 'l quddiem, u l-ħobża tiżloq minn fuqha. Hekk idaħħal it-tieni ħobża, u jħalliha taqa' fejn l-ewwel waħda, mhux biss, imma li tmiss magħha.

biex ma jaħlix għal xejn mill-qiegħa tal-forn. U jibqa' sejjer idaħħal ħobż, ħobż, sakemm il-qiegħa jiksiha kollha bih. U hekk b'infurnata waħda jsajjar il-ħobż ta' bosta familji.

X'ħin ikun daħħal fil-forn kemm deherlu, li għoddu kesa l-qiegħa kollha, idaħħal ukoll il-ftajjar li jkollu u jqegħedhom lejn ix-xifer tal-qiegħa, mhux bogħod mill-bokka tal-forn.

F'siegħa, u mhux anqas, il-ħobż ikun sar, imbasta li fomm il-forn ikun mitbuq tajjeb, għaliex kif igħid il-qawl: *Forn li biebu ma jingħalaqx, ħobżu ma jsajjarx.*

**Meta jkun sar il-ħin sewwa l-furnar jiftaħ il-forn, jibda jiġbed bil-pâla l-ħobż.** U tarahom il-ħobżiet ġejjin tnejn tnejn imwaħħlin mill-ġenba, u hu jqegħedhom mill-ġdid fit-tilar, u ma joqgħod jara xejn jekk issa l-ħobżiet iqegħedhomx waħda fejn waħda, għax igeddishom kemm jista', u jqegħedhom ukoll fuq xulxin, għaliex fuq tilar wieħed ikun irid jgħabbi l-ħobż ta' żewġ familji, sabiex il-lavrant jagħmel bihom vjeġġ wieħed, meta jroddhom lis-sidien friski u sħan. U magħhom tmur ukoll il-ftira, jekk ikun hemm xi trodd.

iii) **Il-Hobża** — Ħalli issa naraw ftit kif inhi l-ħobża. **Minn barra**, bis-sħana tal-forn, rabbiet qoxra, li minn naħa ta' fuq hi iebsa, mqarqċa, lewn il-karamella ftit sewdinija u lewn il-fula nkaljata. Minn taħt il-qoxra hi aktar ħoxna, imma m'hix imqarqċa, u lewnha hu bejn il-kannella u bejn ir-rmied, jekk ma jkolhiex xi trab tar-rmied ukoll magħha. Minn ġewwa l-ħobża tkun kollha qalba (jew kif f'xi rħula tissajjaħ: *bieba*), din il-qalba tkun bajda bħal karta, ratba, kollha nfafet, u aktar ma jkollha minnhom, aktar turi li l-għaġina tagħha, waqt li kienet fil-lenbi, ħadet ponnijiet, għerik u kedd: aktar turi li nħadmet tajjeb. Aktarx dejjem kull ħobża jkun fiha dik id-dabra jew tnejn tal-qalba tidher minn barra, fil-ġenb il-wieħed, u fil-ġenb l-ieħor: dana jiġri għaliex meta kienet fil-forn għadha nejja, ħobża oħra jew tnejn, friski bħalha, kienu jmissu magħha, u huma u jinħmew weħlu ma' xulxin. Min ma jafx li t-tfal u xi kbar ukoll, il-biċċa ħobż li jkollhom aptit jieklu, iriduha tal-ġenba?!

Jiena kont semmejt li l-mara, meta tagħmel hi l-ħobż, kull meta taqta' mill-għaġina, tieħu kull biċċa li ġġibha tiżen xi

ratal u nofs; imma issa, li l-ħobża harġet mill-forn tiżen anqas mir-ratal u nofs, għaliex il-ħobża nejja bil-ħami fil-forn tonqos, billi l-ilma tagħha, li ħadet fil-għaġina, radditu *fwar*.

## 10. IL-ĦOBŻ ID-DAR

Jasal fid-dar tal-familja l-ħobż tagħhom misjur u lest, u niegħu dik il-ftira, li l-mara tkun għamlet bl-aħħar biċċa għaġina li kien fadlilha.

Temmnu?! Il-lavrant tal-furnar ikun għadu mank wasal biex poġġielhom fuq mejda l-ħobż li ġieb fit-tilar, u għadha l-mara mank ħallsitu, li l-oħrajn tad-dar diġà ħadu f'idejhom il-ftira. Jaqsmuha bejniethom, u jagħtu wkoll biċċa minnha lil ommhom u jiekluha, ħalli jkun barra mill-ħin! U mhux hekk igħid il-Malti?! *Il-ftira sħuna tikolha!*

Il-ħobż ma jittikilx sħun, frisk iva, imma sħun le.

Hemm nies li jgħidu li l-ħobż sħun ma għandux jinqata' bis-sikkina (Cfr. — "X'igħid il-Malti" tal-Patri Manuel Magri S.J. paġna 123) għax ma jiswiex, imma għandu jinqata' bl-idejn.

Fejn jitqiegħed il-ħobż frisk? — Fuq il-farxa. Il-farxa hija xkaffa li tkun wiesgħa daqs kemm hi wiesgħa l-ħobża, mimduda fuq ix-xifer ta' fuq taż-żewġ bibien u waħda tad-dar li jagħti għall-barra, biss li l-bieba jew bibiet jingħalqu u jinfetħu minn naħa ta' ġewwa. L-ewwel ħtieġa tal-farxa hi li jkun fiha toqba jew tnejn ma' ġenb il-koxox tal-bieb, u minnhom jgħaddi t-tarf ta' fuq tal-fus ta' kull bieba, u hekk il-bibien kienu jkunu jistgħu jduru fuqhom infushom. Il-farxa tinżamm battala minn ħwejjeġ oħra biex tilqa' l-ħobż... u l-ixkubetta. In-nies ta' dażżmien tarfa' l-ħobż ġewwa armarju; imma l-aktar, u aħjar, jerfgħuh ġewwa kaxxa nfurrata minn ġewwa biż-żingu sabiex ma jibbies malajr, u jibqa' artab għal ġranet.

Kemm tagħmel ħobż il-mara tad-dar f'kull ħażna? — Tagħmel skond kemm ikollha ħluq li jieklu fil-familja, u skond kemm ħobż jittiekel kull jum, biss li l-ħobż għandu jservi dawk il-jiem sakemm jintemm qabel ma jibbies, u ma jnawwarx.

Imma dażżmien il-mara tad-dar ma toqgħodx tħabbel wisq

rasha; għaliex żewġha, il-bidwi, l-qamħ tiegħu jbigħu lill-magni tat-tħin, id-dqiq jixtrih i-furnar u jagħmlu ħobż hu.

It-tieni: Nisa li żewġhom mhux bidwi aktar u aktar ma għandhiex tgħam x'tibgħat għat-tħin, dqiq x'tgħarbel; tagħġen il-ħobż u tibagħtu l-forn.

U mela? — Mela l-furnar jagħmel il-ħobż minn butu fl-ewwel sigħat ta' fil-għodu, u jkun għadu dlam ċappa u mal-ħamsa jew is-sitta jibgħat ibigħu għand tal-merċa; jew iqabbad lil ibnu, inkella lavrant, jarma karettun, igħabbih bil-ħobż għadu ħiereġ mill-forn, u dan kull fil-għodu jdur mat-triqat tal-belt, u magħhom tar-rħula, ibigħ dak il-ħobż bl-użin, u mhux bil-waħda, minn bieb għall-ieħor tad-djar. In-nisa joħorġu u jixtru dak il-ħobż frisk, imma daqs kemm għandu jservi lill-familja ta' kull waħda ma' tul erbgħa u għoxrin siegħa biss. L-għada, "tal-ħobż" jerġa' jiġi wara biebhom, u huma jixtru l-ħobż bħal bieraħ.
Ħobż frisk kull jum!

## 11. ĦARĠA

Kemm xogħol u taħbit biex naslu n'eklu l-ħobż.
Il-ħobż hu għoti t'Alla, jagħtihulna Hu, u aħna nikluh fil-ferħ tar-ruħ, għax nafu li nistħoqqu nikluh, ladarba nkunu qdejna d-dmir kollu tagħna ma' Alla, ma' għajrna u magħna nfusna.

San Pawl l-Eremit li kien igħix ġewwa għâr, xejn ma kien jagħmel, ma' tulek ja jum, ħlief jitlob u jfaħħar 'l Alla, kien jaħseb li dan biss kien dmiru, u Alla kien jogħġbu, u ma kienx jistenna ħaġ'oħra minnu. Għaldaqstant Alla kien jibagħtlu ma' għurab (ċawlun iswed) nofs ħobża kull jum, biex jitrejjaq biha f'erbgħa u għoxrin siegħa.

Infittxu naqdu dejjem dmirijietna kollha, u jekk fil-qadi ta' dawn ikollna nħossu l-għaraq ixoqq għall-ġbina, nifirħu: Alla jagħtina mhux biss il-ħobż li nitolbuh, imma kullma neħtieġu għall-ħajja ta' hawn isfel. Qalulna Hu stess: "*Fittxu l-ewwel is-Saltna t'Alla, u l-ħwejjeġ li teħtieġu jiġukom kollha*", (Cfr. Luc. XII, 31).

TMIEM

# FOLKLORE TAR-RANDAN F'GHAWDEX

*Ta'* J. BEZZINA

HAFNA mill-folklore Għawdxi li sa ftit żmien ilu kien wasal sabiex ma jissemmiex aktar, i-lum qegħdin jistħarrġuh bir-reqqa kollha sabiex mhux biss jinkiteb, iżda wkoll jasal f'widnejn dawk li jħobbu l-Folklore Għawdxi. Ras ir-Randan jiftaħ il-bieb għal folklore ġdid, magħruf bl-isem ta' "Folklore tar-Randan f'Għawdex".

Hekk kif filgħaxija nett ta' jum it-Tlieta tal-Karnival nisimgħu tokki mtennijin tal-qniepen li ma humiex tas-soltu niftakru li l-għada ser jibdew l-erbgħin jum ta' penitenza, ta' sawm u sagrifiċċi. Matul dawn il-ġranet il-parroċċi kollha ta' Għawdex tarahom jagħmlu pellegrinaġġi ta' penitenzi lejn il-Madonna ta' Pinu.

Is-sawm sa ftit snin ilu, jew aħjar sa l-1939, qabel ma bdiet it-tieni gwerra tad-dinja, in-nies kienet tosservah il-ġranet kollha tal-ġimgħa barra mill-Ħdud u l-festi ikkmandati. Is-sawm kien tant iebes u tant kien jiġi osservat tajjeb illi fil-bidu tar-Randan kienu jaqilbu l-borma rasha 'l isfel, sinjal li f'dawk l-erbgħin jum ma hemmx sajrin x'isajru. Matul dan iż-żmien kull min isum ma kienx jista' jieħu ħalib filgħodu, imma tè jew kafè bla ħalib u daqs galletta ħobż biss. Sa l-ikla ta' nofs in-nhar ma kien jista' jittiekel xejn iżjed, f'nofs in-nhar wieħed kien jista' jiekol sakemm jixba', iżda ma kienx jista' jittiekel laħam.

Mill-ikla ta' nofs in-nhar sa filgħaxija ma kont tista' tiekol u tixrob xejn għajr xi tazza ilma. Tè jew kafè b'xejn kien jista' jinxtorob u dan l-aktar li kienu jixorbuh kienu n-nies tas-sengħa li kienu jkunu jaħdmu fil-ħanut tagħhom. F'Għawdex dan l-użu l-aktar li kont issibu kien fil-ħwienet tal-mastrudaxxi, ħaddieda, landiera jew xi skarpan, billi dawn f'xi rokna tal-ħanut kont aktarx issibilhom xi musbieħ jew kuċiniera ta' b'waħda u jekk jinzerta xi mastrudaxxa xi kenur magħmul minn patalott taż-żebgħa. Lil dan erħilu jaħdem u jkewwes, daqqa jferragħ fil-bott imgermed u oħra jitfa' xi biċċa injam fil-kenur.

Kien hemm oħrajn li kellhom id-dar mal-ħanut u ma kontx tarahom ħlief telgħin u nieżlin mat-taraġ sabiex jaraw jekk il-kafè jew tè saħanx. Bi skutella maġenbhom mimlija sa rupħ

ommha kont tarahom daqqa jaħdmu u oħra jbillu griżmejhom. u hekk kienu jibqgħu sejrin sakemm jasal ħin l-ikel ta' filgħaxija. Filgħaxija ma kinux jieklu aktar minn kwart ħobż, bajd u ħalib xejn.

Il-ħut, għalkemm fir-Randan kien ikun ogħla mill-ġranet kollha tas-sena, kien l-ikla ippreferita ta' kull Għawdxi. Is-salami kienu wkoll imfittxa ħafna. Kien hemm ukoll min filgħaxija jfittet il-kwart tal-ħobż fi skutella kofè taħraq. Niftakar f'xi ġurnata tal-ksieħ kont nara lil xi xiħ b'idejh it-tnejn marsusin ma' l-iskutella biex isaħħanhom. Ikla oħra magħrufa ħafna f'Għawdex jew aħjar fir-Rabat ta' Għawdex, għax fl-irħula ma kienx hemm dan l-użu, kienet dik tal-ftajjar tar-Randan. Dawn il-ftajjar, li kienu jsiru mill-għaġina, kienu ta' spiss jiġu mħallta mas-smid sabiex fit-togħma jkunu aħjar. Id-daqs tagħhom kien dak ta' platt ċatt, xi ftit iżgħar jew akbar ukoll, ngħidu aħna daqs disk ta' kaxxa tad-daqq.

Wiġi Zammit tal-Patri, li kien joqgħod is-suq, kien jagħmel minn dawn il-ftajjar. Kellna wkoll lil Mikiel ta' Lippa, lil Ċikku ta' Sopu, lil Karmnu tal-Mewta, li flimkien ma' Marċell u Ċikku Tabone damu jagħmlu dawn i-ftajjar sa l-1940.

Għadni niftakar kont narahom jerfgħu waħda waħda l-għaġina li tkun diġà mqatta' fuq tilar, jiftħuha sakemm iġibuha qisha ostja jew aħjar trasparenti u wara jitfgħuha ġo borma kbira mimlija żejt jagħli, fuq kenur fil-koxxa tal-bieb. Raġel quddiem il-kenur, f'idejh żewġ fildiferruwiet qishom labar tal-malja erħilu jqalleb u jtella' issa waħda ta' tliet ħabbiet, tas-sitta, tas-sold u taż-żewġ soldi, jekk tkun bis-sardin, filwaqt li raġel ieħor igħajjat "Ġebla magħha fiha kwart".

Kulħadd kien iħobbhom dawn il-ftajjar u kulħadd kien jixtri. Tfal u xjuħ kulħadd jimbotta bl-imħatra min jaħtaf l-ewwel waħda. "Dik tiegħi", kont tisma' xi tfal igħajtu. "Jien bl-inċova rridha", kont tisma' xi xiħ min-naħa ta' wara, u hekk il-ftajjar kienu jinbiegħu kollha sa qabel ma jkun dalam.

Drawwa oħra li nqatgħet 50 sena ilu kienet dik li fir-Randan kienet tinbiegħ il-fekruna msajra stuffat. Ta' kuljum matul ir-Randan ħafna Għawdxin kont tarahom sejrin fil-ħanut biex jieklu platt fekruna minn għand Ġorġ Debrincat tal-Fixħi.

Il-ħruġ ta' l-istatwi tal-Misteri fil-ġimgħat tar-Randan huwa użu antik ħafna. Hekk kif tidħol l-ewwel ġimgħa tar-Randan fil-Katidral joħorġu l-istatwa ta' l-Orazzjoni fl-Ort. Fit-tieni ġimgħa

nsibu l-Misteru tal-Flaġellazzjoni jew kif insibuh f'Għawdex tal-Kolonna. Fit-tielet ġimgħa l-*Ecce Homo* jew aħjar tal-Porpra u fir-raba' ġimgħa ta' l-Imgħobbi jew kif jafuh f'Malta r-Redentur. Tradizzjoni antika ħafna tgħid illi l-uċuh, is-saqajn u l-idejn tar-Redentur u ta' l-Orazzjoni fl-Ort li jinqalgħu separatament mill-kumplament ta' l-istatwi kienu ġew maħduma miinn wieħed Sqalli li kien ħarab minn pajjiżu minħabba xi għemil faħxi li huwa għamel. Jingħad li dan l-Isqalli kien ġie staħba fil-knisja ta' San Ġużepp ta' fuq is-Sur li kienet tagħti kenn kontra kull setgħa ġudizzjarja, imsejħa mill-Knisja "Immunità Ecclesiastica".

Dan l-Isqalli kien dam xi xhur miżmum f'din il-knisja u l-manteniment tiegħu jingħad li kien joħroġ mill-Awtorità tal-Knisja. Bi tpattija qabel telaq lejn pajjiżu huwa irregala lil dawk li kienu jmantnuh l-uċuh, l-idejn u s-saqajn li semmejna u li huwa stess kien ħadem kemm dam f'din il-knisja. Żewġ Misteri oħra tal-Passjoni, dak tal-Flaġellazzjoni u l-*Ecce Homo* jinżammu wkoll fil-Knisja Katidrali. Dawn iż-żewġ statwi tas-sew sbieħ, u magħrufa, nhar it-Tnejn ta' qabel il-Ġimgħa l-Kbira jitniżżlu fil-Bażilka ta' San Ġorġ fejn jiġu esposti għall-funzjonijiet kollha li jsiru matul din il-ġimgħa. Il-bqija ta' l-istatwi li huma mill-isbaħ fil-Gżejjer tagħna jinsabu fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Ta' min igħid illi l-ilbies ta' dawn l-istatwi huwa tal-bellus li l-lum ma ssibu mkien. L-istatwa devota tad-Duluri nhar it-Tlieta jew l-Erbgħa tal-Ġimgħa l-Kbira tittieħed mill-Knisja ta' San Ġakbu għall-Parroċċa ta' San Ġorġ.

Is-Sibt ta' qabel il-festa tuad-Duluri l-knisja bħala vistu tgħatti l-kwadri kollha li jkun hemm fil-knisja b'purtieri vjola. L-istazzjonijiet tal-Via Sagra biss ma jitgħattewx.

Tmint ijiem qabel il-Ġimgħa l-Kbira taħbat il-festa tad-Duluri. F'Għawdex din il-festa ssir fil-knisja żgħira ta' San Ġakbu, li tinsab fit-Tokk u li hija filjali tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Jekk lejn din il-Madonna l-poplu tagħna jħoss devozzjoni tul is-sena kemm aktar iħoss fil-Ġimgħa tal-festa tagħha! Għal dak in-nhar is-sawma tkun speċjali. Bosta huma dawk, speċjalment żgħażagħ, li jsumu ħobż u ilma. Ħafna mbagħad arahom ma jmissulekx tazza ilma ma' xofftejhom qabel is-sagħtejn. Ir-raġuni hija li bosta huma dawk li nhar id-Duluri jitqarbnu fil-Quddiesa tas-siegħa. F'dan il-jum, mill-ħaddiema tal-partikular tista' tgħid li ma jaħdem ħadd. Hekk kif idoqqu l-erbgħa ta'

wara nofs in-nhar tibda tara ġeġwiġija ta' nies tinġabar ħdejn il-Knisja ta' San Ġakbu. Kif wieħed iħares lejn dawn in-nisa jew xebbiet li jingħaqdu mal-folla hekk kif tkun ħierġa l-purċissjoni jinduna li l-biċċa l-kbira minn dawn ikunu ħafjin jew bil-kalzetti u dan għax ikollhom xi wegħda. Ma hux għaġeb li wieħed jara xi ġuvni li filwaqt li jkun b'libsa pulita tarah ukoll ħafi. F'din il-purċissjoni tieħu sehem il-fratellanza li tinsab imwaqqfa fl-istess knisja. F'din il-fratellanza ma narawx lill kulħadd iżda ċerta klassi ta' nies. Wara l-fratellanza u quddiem l-istatwa, waħda miż-żewġ baned tar-Rabat (sena waħda u s-sena ta' wara oħra) kienet iddoqq marċi funebri. Drawwa antika taż-żewġ baned kienet illi f'din il-purċissjoni kienu dejjem joħorġu xi bandisti ġodda.

Fil-ġranet ta' l-Eżerċizzi l-poplu tagħna jiġbor ħsibijietu xi ftit aktar minn ġranet oħra ta' matul is-sena. Kull bniedem f'dawn il-ġranet iqis ruħu mhux iżjed il-bniedem dgħajjef, bla ġieh u bla ħila, iżda l-bniedem li bħal kaptan għandu f'idejh it-triġija ta' bastiment li jrid ta' bilfors iwasslu fil-port. Kull bniedem f'dawn il-ġranet iħoss it-toqol tar-responsabbiltà tiegħu u ta' dawk li jiddependu minnu. Mhux ta' b'xejn mela li wara l-funzjoni ta' Rmied wieħed jibda jaħseb f'liema knisja ser imur għall-eżerċizzi spiritwali. Tibda tisma' nies jistaqsu min ser ikunu l-predikaturi sabiex jaraw jekk xi darba semgħuhomx. Ma' l-ewwel Ħadd tar-Randan jibdew l-eżerċizzi fil-Knisja tal Kappuċċini fejn imorru ħafna nies minn inħawi differenti tar-Rabat. Wara l-ewwel prietka li ġeneralment tkun preparazzjoni tal-prietki li jkollhom jinstemgħu wara, kulħadd jibda jagħti l-ġudizzju tiegħu dwar il-predikatur. In-nisa jpaċpċu u jirraġunaw dwar dak li jkun qal il-predikatur. Dan isir tista' tgħid minn kulħadd u f'kull post illi fih isiru l-eżerċizzi. F'ħafna mill-irħula ta' Għawdex il-prietka aktarx tkun waħda ta' l-irġiel u waħda tan-nisa. Hemm fejn forsi jsiru tnejn għall-irġiel u tnejn għan-nisa. Fir-Rabat insibu eżerċizzi għal kulħadd. Għan-nisa u rġiel f'daqqa jsiru f'diversi knejjes. Eżerċizzi għaż-żgħażagħ isiru fl-Oratorju u tax-xebbiet fil-Knisja ta' Santu Wistin. Fis-Seminarju, fl-istituti u fl-iskejjel isiru wkoll l-eżerċizzi spiritwali.

*(Jissokta)*

## LILL-MUŻKA MELANKONIKA

*Ta'* Vincent Caruana

Kull meta waħdi nkun fis-skiet f'kamarti
U qalbi nħossha bir ta' dwejjaq fond,
Kull meta nħoss li s-sħab magħqud sewdieni
Tal-ħajja tiela' 'l fuq mill-orizzont,

Ejj' int ja mużka w b'noti jmissu 'l qalbi
Farraġni bl-istess swied il-qalb li ssemma',
Għax — b'xi misterju — n-noti kollhom dieqa
Ibattlu d-dieq li l-qalb tkun ilha ġġemma'.

Kull meta waħdi nkun miktdud f'kamarti
U qalbi ma tibkix għax issa nksiet
B'saffi ta' ġrieħi, li biż-żmien imfejqa,
Rabbew dwar qalbi kisja iebsa żnied.

Ejj' int ja mużka w ibki int minfloki
Sabiex id-dieq li ma nbattalx fi dmugħ
Minn qalbi tbattlu int u fiha tnissel
Imqar għal dak il-ħin bħal balzmu jfuħ.

Kull meta nkun fil-beraħ taħt is-sema
U waħdi mħasseb niżen qalbi tqila,
Kull meta nkun fil-beraħ u nħoss qalbi
Magħluqa f'ħabs b'kundanna twila, twila,

Ejj' int ja mużka w b'daqqiet twal tan-noti
Agħti daqqiet fuq il-katnazz u kissru
Għax il-muftieħ xortja rmiet fil-baħar
Tad-dwejjaq kbar li ma jistgħux jitfissru.

---

## HAREĠ IL-KTIEB
### TIFSIR IL-KLIEM
**Fil-"Ħrejjef u Stejjer"**
**ta' Sir Temi Zammit**

# KRONAKA TAL-GHAQDA

## KUNGRESS TAD-DJATTOLOĠIJA ĠENERALI F'LOUVAIN U BRUXELLES

Il-Għaqda, b'ittra tas-Segretarju tal-Kumitat ta' l-Organizzazzjoni tal-Kungress mibgħuta fis-7 ta' Diċembru, 1959, ġiet mistiedna biex tieħu sehem fl-Ewwel Kungress Internazzjonali tad-Djalottoloġija Ġenerali li għandu jsir f'Awissu f'Louvain u fi Bruxelles (il-Belġju).

## IS-SUR C. CARUANA (TORONTO — KANADA) JILĦAQ KAVALIER

Ngħarrfu bi pjaċir illi s-Sur C. Caruana, B.A. (Lond)., G.S.M. (Chicago), Rappreżentant tal-Kummissjoni Emigranti ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija fil-Kanada u Membru Korrispondent tal-Għaqda, ġie mogħti t-titolu ta' "Knight of Graec" mill-Ordni Sovran ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm.

## TRIQ ĠDIDA MSEMMIJA GĦALL-KAV. ĠUŻE' MUSCAT AZZOPARDI

Għandna l-pjaċir inħabbru illi waħda mit-triqat ġodda f'Ħal Qormi ġiet imsemmija għal-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi. Din it-triq taħbat it-triq il-ġdida li tgħaqqad b'estensjoni Triq San Edwardu ma' Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, fejn din tingħaqad ma' Triq tal-Ħlas (Notifikaz. tal-Gvern. Nru. 744 ta' l-4 ta' Diċembru, 1959).

Billi kienet l-Għaqda li talbet l-ewwel darba u baqgħet dejjem titlob biex tissemma triq f'Ħal Qormi għall-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi, għandna naħsbu li l-Membri tal-Għaqda, bħala tifkira għażiża ta' l-ewwel President tagħha, għandhom jieħdu pjaċir jaraw ix-xewqa tagħhom imwettqa u li l-Gvern għaraf fl-aħħarnett kemm tassew kien jixraq illi l-isem ta' bniedem li għolla u żejjen bil-kitba tiegħu l-ġieh tal-Lsien Malti jibqa' mfakkar f'art twelidu u fost il-Maltin ħutu.

## IN MEMORIAM : **FONZU MARIA BORG**

B'dispjaċir kbir inħabbru l-mewt f'Għadwex tas-Sur Fonzu Maria Borg, wieħed mill-membri ewlenin tal-Għaqda, bniedem li kien wera l-akbar ħeġġa sa mit-twaqqif tal-Għaqda għat-tixrid tal-kitba tal-Malti fuq is-sistema tal-Għaqda fost il-kittieba tal-Malti, l-iktar fost il-ġurnalisti.

Is-Sur Fonzu Maria Borg kien wieħed mill-ewwel membri tal-Kunsill tal-Għaqda; barra minn dan, bħala wieħed mill-promoturi tal-"Workers' Union", kien sewa ta' bosta ġid u għajnuna għall-miljorament ta' l-istat tal-ħaddiem Malti.

Il-kwalitajiet morali u soċjevoli tiegħu, it-tjubija u l-umiltà karatteristika tiegħu kienu, sew fost sħabu li kienu jaħdmu miegħu fit-Tarzna kemm fost is-soċjetà u ħbieb oħra tiegħu, il-mezz li matul ħajtu kisbulu l-imħabba u l-qima ta' kull min kien jagħmilha miegħu jew jaħdem miegħu. L-Għaqda, bil-mewt tiegħu, tilfet wieħed mill-eqdem benefatturi tagħha, li baqa' marbut magħha sa l-aħħar ta' ħajtu..

Nitolbu għall-mistrieħ u paċi ta' ruħu.

## IMHABBA U EGOIŻMU

*Ta'* PAUL CARUANA

Kien fl-eqqel waqt ta' mħabba meta nfexxet
u Alla ma felaħx u lissen kelma,
u oħra, u oħra, u fuq il-baħħ għammieqi
deh'r il-ħolqien fil-milja ta' sbuħitu
jiddi kemm kemm il-ġmiel u l-kobor t'Alla,
bħalma f'qatr' ilma ïs-smewwiet jinġabru.
U Alla strieħ u thenna b'dak li ħeles,
li kien iħaddan Fih minn dejjem.

Heġġet ħafifa x-xrara ta' l-imħabba
li Alla silet Minnu u laqqamha
fil-qalb ħanina u kbira tan-Natura,
u minnufih minn fomm il-ħlejjaq kollha
fawret għanja ta' ħajr u ta' foħrija
li dwiet setgħana fuq is-skiet mistagħġeb.
Il-ħlejjaq kollha jtennu din il-għanja
magħġuna fihom, bla nuqqas, bla heda;
il-bniedem waħdu, is-sultan imkabbar,
li jrid u jifhem, ħassar dis-sbuħija
u waqqaf saltna t'għira u ta' ħruxija.

# IL-MILIED IT-TAJJEB

*Ta'* Ġużè' Borg Pantalleresco

*Lill-*Prof. Gius. Galea.

Ruħ ġentili,
bil-ħlewwa
u l-fwieħa tal-frott
**kull sena li għaddiet**
xtaqt wassaltilkom il-għana tiegħi
f'jiem il-Milied;
biex nixgħel tbissima ħelwa
fuq xofftejkom,
u nara dmugħ ta' ferħ
fi sbieħ għajnejkom.

Anki s-sena,
ta' mħabbti
qiegħed inroddilkom il-ħarġ
b'dawn il-versi fqar,
safja bħall-bjuda tal-ġilju,
għalkemm bla ħlewwa tal-frott
u bla fwieħa ta' baħar,

* * *

Mill-isbaħ
nixtiqilkom dal-jiem
kif xtaqithomli ommi
meta ma' tagħha kont inressaq fommi
bi gratitudni.
Aktar ma setgħetx tixtieqli
minn dak li l-lum qiegħed nixtiqilkom.

* * *

J'Alla l-għomor ikunilkom
*ħelu*
bħall-bewsa ta' wliedkom
fuq ħaddejkom
*sbieħ*
bħad dawl
li jżejjen għajnejkom!

# REĊENSJONIJIET

**HAMIEM U SRIEP**, Ġabra ta' poeżijiet ta' Karmenu Vassallo. — Empire Press, Malta. 1959. — Paġ. 128.

Kull meta Karmenu Vassallo joħroġ ktieb qisha tfeġġ kewkba ġdida fis-sema letterarju ta' Malta u titniżżel ġrajja fil-kronaka tal-lirika Maltija. Għax ktieb ta' Karmenu Vassallo ma jistax ma jqajjimx għajdut fost il-kritiċi, il-kittieba u l-qarrejja.

Il-kitba ta' Vassallo tingħażel minn ħafna kitba oħra għax fiha nfisha l-ħajja ta' l-awtur u teħrek mill-qawwa ta' ruħu. Għalhekk min jaqra poeżija ta' dan il-poeta jħoss ruħu mdakkar mill-persunalità u mill-umanità tiegħu u jintebaħ li fil-versi hemm misturin tema jew morali li jifhimhom kull min hu mogħni b'rieda tajba.

F'dan l-aħħar ktieb tiegħu ,il-poeta tan-"Nirien" jidher li s-snin, ix-xogħol u t-tiġrib tal-ħajja wittewlu t-triq imwiegħda tal-poeżija tiegħu u għalkemm ma rażżnulux il-qawwa, ix-xejra u n-nigża tal-lehma, taw sura ħelwa, hienja u sentimentali lill-istil.

Aħna jidhrilna li f'dan l-aħħar ktieb tiegħu l-poeta resaq ġmielu elin il-klassiċiżmu u meraħ fir-romantiċiżmu, iżda mhux f'dik ix-xorta ta' romantiċiżmu li xxaħxaħ u tgħaxxi. Il-versi ta' Vassallo qatt ma nisslu mistrieħ lubien fid-dehen tal-qarrej, imma dejjem xegħluhulu b'nar ta' ħeġġa u ta' ħrara.

"Il-Pupu" u "Lir-Riħ Isfel" huma żewġ eżempji ta' l-istil romantiku Vassaljan.

Il-poeta f'dan il-ktieb żamm ukoll mat-tradizzjonaliżmu tal-poeti Maltin bil-poeżiji sagri tiegħu. Is-sentiment reliġjuż qatt ma għab mill-versi ta' Vassallo, imma issa fil-parti "De Electis Dei" ta' dan il-ktieb hu wera il-ħila tiegħu u l-maestrija perfetta bħala poeta nisrani, sinċier, reliġjuż. Fuq San Nikola hemm ħames poeżijiet, imma dan ma jistax jonqos meta l-poeta hu wild is-Siġġiewi taħt il-ħarsien tal-Qaddis ta' Bari. Bħala Malti bin San Pawl, Vassallo żamm ukoll it-tradizzjoni tal-poeti Maltin meta kiteb il-poeżija tiegħu "Pawlu ta' Tarsu u Malta", waħda mill-aħjar ta' dan il-ktieb mimlija b'sentimenti ta' devozzjoni u ta' patrijottiżmu l-aktar safja. Din il-poeżija toqgħod bil-jedd kollu maġenb l-oħra ta' Ġużè Muscat Azzopardi "Sawl ta' Tarsu" u t-tnejn flimkien huma xhieda u rahan tarrabta mistika li żżomm magħqud il-ġens Malti ma' l-Appostlu li fdieh bil-magħmudija. Dawn iż-żewġ versi li ġejjin jagħtu sura poetika l-aktar ħajja ta' din ir-rabta li ma tinħall qatt:

"Pawlu ma' Kristu u l-Knisja Mqaddsa tiegħu
għadhom u jibqgħu f'Malta ifrem mis-swar..."

Dan l-aħħar xogħol ta' Vassallo għandu wkoll is-siwi tiegħu għax jitfa' dawl u ħjiel fuq il-ħajja tal-poeta. Fih aħna nsibu tagħrif bijografiku li jista' jitqies bħala "testament of youth" ta' l-awtur. Fit-"Tifkiriet ta' Tfuliti" hemm dik ix-xewqa li jħoss bniedem mgħobbi bil-ħsieb u bix-xogħol għas-snin ħelwin tat-tfulija ħielsa mid-dwejjaq u mill-imrar tal-ħaja:

"Dik id-dwejra kennija
kienet għal ħajti, f'dawk is-snin bikrija,
ġmiel u kobor id-dinja u l-Univers!"

Imma wieħed jinduna li l-poeta għalkemm tarraf dwar ħajtu fil-poe-

żiji tiegħu "Tifkiriet ta' Tfulìti", "Issa Li..." "Il-Wied taż-Żebbuġ" ecc. Iżda ma kellux f'moħħu li jirrakkonta l-ġrajja li ltaqa' magħhom, iżda l-fehma tiegħu hi li jagħti ħjiel tal-filosofija u ta' l-isvilupp intellettwali ġarrab fil-milja tas-snin li għaddew minn fuqu. Għax il-poeta ma jgħixx il-ħajja ordinarja, iżda hu jistgħall il-ġmiel, ibarri l-kruha u jseddaq it-tieba li jiltaqa' magħhom u jqishom bl-intellett setgħani tiegħu.

Kont ser nissokta nikteb dwar ħwejjeġ oħra li laqtuni f'dan il-ktieb, iżda l-istudju kritiku li għamel il-poeta l-ieħor, Wallace Gulia, fih biżżejjed x'wieħed itiegħem u jixtarr u nibża' li jekk niġbed aktar fit-tul, intenni dak li Dr. Wallace Gulia qal tassew bil-għaqal u bil-gost fil-ftuħ ta' dan il-ktieb. Għalhekk jiena ma nagħmilx ħaġa oħra ħlief nifraħ bil-qalb kollha lil Karmenu Vassallo għal din il-biċċa xogħol lii togħla qisha kolonna ta' l-alabastru fit-tempju tal-Musi Maltin u nispiċċa billi nagħti parir lill-qarrejja biex jixtru u jaqraw dan il-ktieb li jgħaxxaqhom, iferraħhom u jiftħilhom moħħhom. G.

**IL-MISTIEDEN TAL-MILIED**, tal-Patri Lett. Djonisju Mintoff, O.F.M. Paġ. 14.

Xogħlijiet letterarji bil-Malti fuq il-Milied ftit għandna u fuq Tolstoi wisq inqas. Ma rridx ingħid li dan il-ktejjeb hu traduzzjoni ta' opra ta' Tolstoi, imma jagtħina ftit tad-dawl dwar l-istil ta' dak il-kbir kittieb Russu magħruf mad-dinja kollha.

Din il-biċċa xogħol hi radjodramm adattat wisq għall-jiem tal-Milied. li fihom ħareġ. L-iskop tiegħu hu li jagħti sura u ħajja lil dik ix-xejra ta' ferħ u ta' ħbubija li titqanqal fost il-bnedmin għall-ħabta tal-Milied.

Ir-radjodramm hu maħdum tajjeb, id-dekor hu spjegat sewwa, l-akkumpanjament mużikali milqut ħafna. Id-djalogu hu ħafif, ċar, ferrieħi u kultant fih ħarira ta' mogħdrija kif jixraq għaċ-ċirkostanzi tal-ġrajja.

It-test miktub tajjeb u mirqum kif imiss. Fil-paġna 13 hemm biċċa li hi barra minn postha; naħseb lii dik il-biċċa jmissha torbot mal-panġa 8. Dan huwa żball tal-legatur u jista' jissewwa f'edizzjoni oħra, mill-bqija prosit. G.

**DESTIN TA' MHABBA** (rumanz, paġni 384) — P. Mattew Sultana, Kappuċċin. — Stampat fl-"Orphans' Press", Għajnsielem, Għawdex.

Patri Mattew Sultana din id-darba ma taniex ktieb tal-poeżija kif soltu jagħtina, imma tana rumanz. Din l-ewwel darba li sirna nafuh bħala prożatur, u din il-biċċa xogħol, qawwija u oriġinali, għandha ttellgħu skaluna oħra fuq is-sellum tal-letteratura Maltija. X'ħajjru mill-poeżija jaqleb għall-proża? M'għandix nifhem li b'hekk ser jinqata' mill-poeżija u jagħtiha għall-proża. Le! Min huwa tabilħaqq poeta, il-poeżija jibqa' jħossha sa l-aħħar nifs ta' ħajtu, u jibqa' jiktibha, ma jaqta' qatt u b'xejn, għax il-poeżija tkun magħġuna ma' ruħu, tkun saret ħaġa waħda miegħu, u sakemm ruħu tibqa' ħajja, il-poeżija tibqa' tfawwar minn ġo fih bħal nixxiegħa li ma tieqaf qatt.

Dan qiegħed ngħidu għax inħossni żgur li Patri Matter Sultana iqis lilu nnifsu poeta qabel kollox. Il-proża jiktibha meta jħoss fih li għandu ċerti suġġetti li ma jista' b'ebda mod jesprimihom taħt forma ta' poeżija.

Fil-prefazzjoni huwa jgħidilna x'kien li qanqlu biex ħareġ dan ir-rumanz: "Il-fattur ewlieni li ħajjarni noħroġ barra mill-għalqa tal-poeżija u nitfa' l-ewwel pass fil-qasam tal-proża, mhux ħaġ'oħra ħlief l-imħabba li għandi għal-Letteratura Maltija, mhux biss bħala surmast ta' l-Ilsien Malti u bħala Membru Akkademiku tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, iżda l-ewwel u qabel kollox bħala Malti. Bħala Malti, ladarba nista', ħassejtni fid-dmir li nkabbar il-Letteratura ta' Art twelidi b'dan ir-ruman: Destin ta' Mħabba".

Dan huwa tabilħaqq l-ewwel pass tiegħu fil-kitba tal-proża, imma hu ntafa' għal dan l-ewwel pass bil-kuraġġ kollu. Każ tassew rari li ssib min għadu kemm tgħallem igħum ftit sewwa, u mbagħad jipprova jaqsamlek minn xatt għall-ieħor. Trid tkun tassew b'saħħtek u ta' ħila kbira. Hekk lil Patri Mattew nistħajjlu jien, u kienet din il-qlubija u ħila tiegħu li wassluh sat-tmiem.

Qabel ma deher stampat, dan ir-rumanz instama' minn fuq ir-Rediffusion, u jien għadni niftakar il-popolarità li ġibed dik il-ħabta. Minn puntata għall-oħra ħafna kienu jistennew biex jaraw ċerti sitwazzjonijiet kif svolġew irwieħhom, u kif ċerti karattri, b'mod speċjali Rikardu li nħeba taħt l-isem ta' Dr. Renatu Zanetti, ħadmu l-parti tagħhom.

Is-suġġett, kif wieħed jistenna f'rumanz, idur il-ħin kollu fuq l-imħabba bil-ħafna tqanqiliet li ġġib magħha, tqanqil ta' ferħ u ta' niket, ta' mewt u ta' passjoni qalila. Fl-isfond insibu qrati u ħabs, u fuq hekk l-awtur innifsu jistqarr: "...... nixtieq li kulħadd jagħdirni jekk f'dan ir-rumanz isib xi ineżattezzi żgħar, speċjalment fejn jidħol xogħol ta' *detectives*, qorti u ħabs billi jien qatt ma għaddejt minn dawn l-affarijiet; għalhekk irrid li l-qarrejja kollha jifhmu li proċeduri bħal dawn ma ttrattajthomx 'ex professo'."

B'danakollu, bid-difetti kollha li jista' jkun fih, inħoss li dan ir-rumanz huwa l-ewwel ġebla fis-sies tal-kitba ta' proża li għad irid jagħtina Patri Mattew. L-aħħar kelma lil Patri Mattew, kelma li għandha mill-profezija: "Kompli fit-triq li qbadt. Il-pinna rżina tiegħek għad trid tagħti ħafna xogħol ieħor li jkun ta' fejda għall-Letteratura Maltija".

ġ.c.

**VIKU MASON,** Grajja ta' Malta fi żmien il-Franċiżi ta' Ġużè Muscat Azzopardi. — Union Press, 1959.

Din hija edizzjoni ġdida ta' wieħed mir-rumanzi oriġinali l-aktar popolari ta' Ġużè Muscat Azzopardi, kittieb wisq magħruf fil-Letteratura Maltija.

Il-Kavalier Muscat Azzopardi kiteb bosta xogħlijiet u ħalla opri kbar li ma jintesew qatt, kemm proża kif ukoll poeżija, xi wħud minn dawk ix-xogħlijiet il-lum rabbew l-għeruq u laħqu l-grad klassiku u għalhekk il-ħtieġa tagħhom biex tirfed il-letteratura tagħna u l-ħerqa tal-qarrejja biex jaqrawhom, dejjem joktru u jiżdiedu. Bħala prova ta' dan għandna din l-edzzjoni li s-Sur Ivo, bin l-awtur, ħa ħsieb li joħroġha wara li kienet dehret biċċa biċċa fuq ġurnal lokali.

Dan jispjega l-forma ta' din l-edizzjoni li mhux ta' għamla u sura kif wieħed jixtieq għar-rumanzi ta' Muscat Azzopardi, imma minkejja ta' dan, din il-ħarġa għandha s-siwi tagħha għax iżżomm quddiem għajnejn il-qarrejja Maltin isem il-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi. G.

## KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-KERA

## TAD-DAR TAL-GĦAQDA U BŻONNIJIET OĦRA

*Kontributuri :*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Prof. G. Galea, M.B.E., M.D., D.P.H. | £2 | 0 | 0 |
| Is-Sur Ivo Muscat Azzopardi ,P.L. | 1 | 0 | 0 |
| Is-Sur A. Cremona | 1 | 0 | 0 |
| Rev. K. Sant, B.A.Lic., Lic. S. Script., D.D., | 1 | 0 | 0 |
| Patri G. Delia, S.J. | 1 | 0 | 0 |
| Is-Sur Reginald Vella Tomlin | | 10 | 0 |
| Dr. E. Agius, M.D., D.P.H., D.Bact. | 1 | 0 | 0 |
| Is-Sinjura G. Attard Montalto | 1 | 0 | 0 |
| Is-Sur Mario Agius | 1 | 0 | 0 |
| Patri Piju Rapa, O.P. | 1 | 0 | 0 |
| Rev. Frans Camilleri | 1 | 0 | 0 |

---

## KOTBA U RIVISTI LI RĊEVEJNA

## GĦAL-LIBRERIJA TAD-DAR TAL-GĦAQDA

| | | |
|---|---|---|
| Ir-Rużarju (*Rivista*) Vol. XI No. 4 u Vol. XII No. 1 | minn | P. Val. Barbara O.P. |
| The Young Listener (*Rivista*) Nri. 4-8, Jan. - May, 1960, Information Office b'mezz ta' | | K. Vassallo |
| Mill-Art sas-Sema (*Kitbiet Let. u Reliġ.*) | minn | K. Vassallo |
| Is-Salib fl-Arti | ,, | K. Vassallo |
| Riefnu (*Rumanz. Trad.*) | ,, | K. Vassallo |
| Ħamiem u Sriep (*Ġabra ta' Poeżiji*) | ,, | K. Vassallo |
| Kwiekeb ta' Qalbi (*Poeżiji*) | ,, | K. Vassallo |
| Nirien (*Poeżiji*) | ,, | K. Vassallo |
| Viku Mason | ,, | Ivo Muscat Azzopardi |